Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Action)
Istiut Kattoliku Floriana FRN 141
Tel 21222239 – 21237031
infosheet@akmaltaorg
www.akmalta.org

**SETTEMRU 2009** **NUMRU 246**

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu!

# INFORMATION SHEET

## MADWARNA

**L-Assemblea Ġenerali.** Il-Membri tal-Azzjoni Kattolika, jiltaqgħu lkoll flimkien darba fis-sena biss, dak in-nhar tal-Assemblea Ġenerali. Din id-darba se ssir fit-tieni Ħadd ta' Ottubru u mhux kif konna ħabbarna qabel u se terġa' ssir is-Seminarju, Tal-Virtu', Rabat, għaliex kienu ħafna li qalu li ħadu gost. Smajna dak kollu li għidtulna dwar il-laqgħa tas-sena li għaddiet u se nżommu dak li kien tajjeb u nirranġaw dak li ma għoġobkomx. Nispera li din id-darba tieħdu ġost aktar. Wara l-Assemblea se nieklu flimkien bħala familja waħda, kif għamilna s-sena l-oħra.

**Membri tad-Direttorju Ġodda**. F'dan ix-xahar, jiskadu l-ħatriet tal-membri tad-Direttorju Ġenerali. Matul l-Assemblea nippreżentawlkom il-membri l-ġodda li se jibdew il-kariga tagħhom għat-tlett snin minn Ottubru li ġej.

**Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali.** Mons Pawl Vella irreżenja minn Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali għaliex max-xogħol kollu li għandu, se jibda jorganizza kors l-Università li jwassal għall-Masters flimkien ma' Mons Said Pullicino biex jippreparaw lill-Avukati li jirrappreżentaw lill-koppji fil-każi tal-annullamenti taż-żwieġ. Nirringrazzjaw lil Mons. Vella għal ħafna xogħol li għamel matul iż-żmien qasir li kien magħna.

**BBQ.** Fl-għaxra ta' Lulju ŻAK organizzaw BBQ li spiċċa bit-talb u bil-barka sagramentali u individwali tal-membri.

**Kamp Sajf.** Mijiet ta' membri taż-ŻAK iltaqgħu Giovanni Curmi Higher Secondary School in-Naxxar għall-Kamp Sajf. F'temp ta' jumejn preparazzjoni, l-iskola nbidlet f'kamp residenzjali fejn iż-żgħażagħ setgħu jsajjru, jieklu, jorqdu, jitolbu u jieħdu gost. It-tema li qegħdin jistudjaw hi 'It-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj.' Din it-tema ssuġġeriha l-Papa bi preparazzjoni għall-laqgħa mondjali li jmiss.

**Lura mill-India.** Marie, Sarah u Stephanie ġew lura mill-India u kif waslu lura Marie telqet lejn Brussels. Dawn iż-żgħażagħ il-ħajja tagħhom… L-India kienet esperjenza li ma titwemminx. Kienu 54 parteċipanti minn 24 pajjiż. Għexu fi bliet kbar bħal New Delhi u Calcutta mas-sorijiet u fi bliet żgħar u fqar ma' familji li kienu neqsin mill-kumditajiet kollha. Għenuhom fix-xogħol tagħhom li jrabbu l-majjali u l-baqar. Spiċċaw b'quddiesa fuq il-qabar ta' Mother Theresa.

**Dar Familja Mqaddsa.** Il-garden party reġa' kien suċċess kbir u ħalla qliegħ tal-fuq minn €3,000. Dawn il-flus se jmorru biex jitħallas id-dejn mal-Knisja li sar biex inbena l-blokk il-ġdid. Nirringrazzjaw lil kull min ipparteċipa u għen. Bħalissa qegħdin inbiddlu l-purtieri tat-tielet sular u ħafna membri qegħdin jgħinuna biex inħituhom. Il-flus biex inxtara d-drapp, li minħabba raġunijiet ta' sikurta' jrid ikun drapp li ma jieħux nar, tagħtomna l-Kurja. Minn hawn u ftit ieħor se jibda proġett ta' evakwazzjoni tal-anzjani fil-każ ta' nar, terremot jew raġunijiet li jpoġġu l-ħajja tal-anzjani f'periklu. Il-pjan lest u ġie mfassal b'xejn minn espert. Ix-xogħol se jsir ukoll b'xejn mill-istudenti tal-MCAST bħala wieħed mill-proġetti li jridu jwettqu.

**Niltaqgħu lkoll fl-Assemblea.**

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

**KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

***SOLIDARJETÀ*** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità,

u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta'

Ħadd fis-19:15 u MHUX fit-20:30.

Id-dati għal Settembru huma :- 6,13, 20, 27.

**Fergħa Xebbiet Adulti**

Qed nersqu lejn Sena Soċjali ġdida. Tajjeb li nibdew nippreparaw biex nerġgħu nibdew il-laqgħat regolari fiċ-Ċirkoli tagħna.

L-ewwel laqgħa kbira li tlaqqagħna flimkien hija l-Assemblea Ġenerali li din is-sena se taħbat il-Ħadd, 11 ta Ottubru 2009. Inħeġġu minn issa lill-membri kollha biex jattendu. Ma nħallux li jattendu biss dawk il-ftit tas-soltu, imma jekk jista' jkun jattendu l-membri kollha.

---------------------

# Assemblea Ġenerali 2009

## Id-Direttorju Ġenerali Jistieden

## Lill-Membri Kollha tal-Azzjoni Kattolika Għal din ic-Ċelebrazzjoni fl-Okkażjoni tal-Ftuħ tas-Sena Soċjali

Nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru 2009
mid-09.15 a.m sas-12.45 p.m.
Fis-Seminarju tal-Arċisqof tal-Virtu'

**Wara l-Assemblea kulħadd mistieden għal Ikla Familjari.**

Tkun ħaġa sabiħa li l-Membri taċ-Ċirkoli jattendu bħala grupp għall-Assemblea u possibbilment għall-ikla.

Se jkun hemm trasport għal kullimkien. Tirċievu aktar dettalji minn hawn u ftit ieħor.

Joyce Pullicino
President Ġenerali

## Programm Għas-Sena Soċjali 2009-2010

| | | |
|---|---|---|
| **Settembru** | | |
| Il-Ħamis 3 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| It-Tnejn 14 | Fergħa Rġiel | Kunsill fil-17:30 |
| | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 16 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva fid-9:30 |
| Is-Sibt 26 | Ż.A.K. | Kampanja ta' promozzjoni ta' ħmistax il-ġurnata kull fejn hemm fergħa ŻAK sabiex jiġu nkuraġġiti membri ġodda. |
| Il-Ħadd 27 | Fergħa Rġiel | Irtir – Knisja tal-Vitorja, l-Belt mid-9:00 sa 11:45 |
| It-Tnejn 28 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| | | |
| **Ottubru** | | |
| Il-Ħamis 1 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| L-Erbgħa 7 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| It-Tnejn 12 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħadd 11 | Membri kollha tal-AK | Assemblea Ġenerali |
| It-Tnejn 19 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 22 | Fergħa Nisa | Assemblea Fergħa Nisa, Ċirkoli kollha |
| ll-Ħadd 25 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa Marjana |
| It-Tnejn 26 | Fergħa Nisa | Laqgħa Kumm Romol Presidenti taċ-Ċirkoli kollha |
| | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| | | |
| **Novembru** | | |
| Il-Ħadd 1 | Kumm. Ħidma Morda | Quddiesa għall-Benefatturi |
| Il-Ħamis 5 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| It-Tnejn 9 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 11 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| It-Tnejn 16 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| L-Erbgħa 18 | Fergħa Nisa | Laqgħa ta' Talb - Romol |
| Il-Ħamis 19 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha |
| It-Tnejn 23 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 25 | Fergħa Nisa | Forum Day - Ċirkoli kollha |
| Is-Sibt 28 | Direttorju u Kunsilli | Ċenaklu |
| IL-Ħadd 29 | Fergħa Rġiel | Irtir – Knisja tal-Vitorja, l-Belt mid-9:00 sa 11:45 |
| | | |
| **Diċembru** | | |
| Il-Ħamis 3 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| L-Erbgħa 9 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| It-Tnejn 14 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tlieta 15 | Fergħa Nisa | Ħarga Soċjali Romol u Ħbieb taċ-Ċirkoli kollha |
| Il-Ħamis 17 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha |
| It-Tnejn 21 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 - Wara Laqgħa Soċjali f'Sala Dandria fis-18:00 |
| | | |
| **Jannar 2010** | | |
| Il-Ħamis 7 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Is-Sibt 9 | Ċirkoli kollha | Tesserament Ċentrali – diriġenti kollha. Sala Mons Gonzi fis-18:00 |
| It-Tnejn 11 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tlieta 12 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No 1 għal membri taċ-ċirkoli ta' : Balzan, Balluta, B'Kara, Fleur-de-Lys, Ħamrun S.G., Ħamrun Kunċ., Ħamrun Sokkors, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar, Qormi S.B., Qormi S.Ġ., Rabat, Sta. Venera., San Ġiljan, |

| | | |
|---|---|---|
| | | Siġġiewi, Żebbuġ. |
| L-Erbgħa 13 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| It-Tnejn 18 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 21 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha |
| It-Tnejn 25 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 27 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No 2 għal membri tac-Cirkoli ta':- B'Buġia, Cospicua, Fgura, Floriana, Gudja, Kirkop, Luqa, Marsa, Mqabba, Paola Lourdes, Qrendi, Senglea, Tarxien, Valletta S.P, Vittoriosa, Żabbar, Żejtun, Żurrieq. |
| | | |
| **Frar** | | |
| L-Erbgħa 3 | Kumm. Ħidma Morda | Forum Jum il-Marid – Morda Sala Dandria, Istititu Kattolik, Floriana. |
| Il-Ħamis 4 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| It-Tnejn 8 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 11 | Fergħa Nisa | Laqgħa S.A.S. u Kumitati |
| It-Tnejn 15 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 18 | Fergħa Nisa | Seminar S.A.S. u Kumitati |
| Il-Ħadd 21 | Fergħa Rġiel | Irtir – Knisja tal-Vitorja, l-Belt mid-9:00 sa 11:45 |
| It-Tnejn 22 | Fergħa Nisa | Eżerċizzi Romol taċ-Ċirkoli |
| It-Tlieta 23 | Fergħa Nisa | Eżerċizzi Romol taċ-Ċirkoli |
| L-Erbgħa 24 | Fergħa Nisa | Eżerċizzi Romol taċ-Ċirkoli |
| Il-Ġimgħa 26 sal-Ħadd 28 | Direttorju u Kunsilli | Irtir (Residential Weekend) |
| | | |
| **Marzu** | | |
| Il-Ħamis 4 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Il-Ġimgħa 5 | Fergħa Nisa | World Day of Prayer |
| It-Tnejn 8 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 10 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| It-Tnejn 15 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 18 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha |
| It-Tnejn 22 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 24 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva – Kunsill U Kummissjoni Romol |
| Il-Ħadd 28 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Morda ta' Ħadd il-Palm |
| | | |
| **April** | | |
| Il-Ħamis 8 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| It-Tnejn 12 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 14 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| Il-Ħamis 15 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha |
| It-Tnejn 19 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| It-Tnejn 26 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 29 | Fergħa Nisa | Festa ta' Sta Katerina, Ċirkoli kollha |
| | | |
| **Mejju** | | |
| Il-Ħadd 2 | Kumm. Ħidma Morda | Quddiesa għal Benefatturi |
| Il-Ħamis 6 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| It-Tnejn 10 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 12 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| It-Tnejn 17 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| L-Erbgħa 19 | Fergħa Nisa | W.U.C.W.O. Day - Ċirkoli kollha |
| Il-Ħadd 23 | Fergħa Rġiel | Irtir fid-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar |
| It-Tnejn 24 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| Is-Sibt 29 | Direttorju u Kunsilli | Ċenaklu |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Ġunju** | | |
| Il-Ħamis 3 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Il-Ġimgħa 4 | Fergħa Nisa | Ħarġa Soċjail ghar-Romol |
| L-Erbgħa 9 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| Is-Sibt 12 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa mar-Redentur – l-Isla |
| It-Tnejn 14 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 17 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva – Kunsill u Kumm. Romol |
| It-Tnejn 21 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 24 | Kunsilli u Kumm. | Laqgħa Ġenerali Annwali |
| It-Tnejn 28 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| | | |
| **Lulju** | | |
| Il-Ħamis 1 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| It-Tnejn 12 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħamis 15 | Fergħa Nisa | Quddiesa ta' Ringrazzjament, membri tal-Kunsill |
| It-Tnejn 19 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |

# GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN TAL- AZZJONI KATTOLIKA

Il-25 ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAL-KUMMISSJONI

1984 – 2009

FL-okkażjoni ta' dan l-Anniversarju se ssir Laqgħa Soċjali bil-Quddiesa

**nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru 2009**
**Fil-Sala Imm. Kunċizzjoni, Ħamrun.**
**Il-Quddiesa tibda' fis-18:00.**

**Wara jkun hemm riċeviment.**

Mistednin il-Familji tal-Koppji kollha u l-ħbieb tagħhom.

Min ikun se jattendi mitlub jinforma jew lil Ms M'Anne Sultana fuq Tel:21657706 jew lil Ms Irene Dye fuq Tel 21221341.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

### OBJETTIVI TAL-ĦIDMA TAS-S.A.S. GĦAL MATUL IS-SENA SOĊJALI 2009 -2010

***Ħarsitna trid tkun differenti.*** Meta nilbsu l-mentalità ta' Kristu Qaddej, il-ħsieb tagħna u kif nesprimuh, l-attitudni tagħna, u kif naġixxu f'mumenti delikati, u kif nesprimuha JIEĦDU FORMA DIFFERENTI anki jekk nibqgħu persuni dgħajfa... għax ikun l-ispirtu t'Alla li qed jaħdem fina. Se naħdmu biex l-*outlook* tagħna lejn id-dinja tkun frott il-mentalità tagħna ta' Kristu Qaddej.

***Flimkien*** ma' dawk li għandhom rieda tajba: fl-Azzjoni Kattolika stess fil-Kunsill Caritas, fil-Knisja b'mod ġenerali ma' NGO's, mal-aġenziji tal-Gvern, is-Segretarjat Assistenza Soċjali jrid mhux biss

isaħħaħ il-kuntatt imma b'mod konkret jaħdem mill-viċin magħhom. Propju għax il-bniedem fil-bżonn jista' jintlaħaq aktar u aħjar.

***IFFURMATI SEWWA.*** Ma tistax tagħti minn dak li m'għandekx. Il-formazzjoni soda u t-taħriġ huma indispensabbli biex il-qadi jkun skond l-ispirtu tal-Mulej ikkumplimentati mill-ħtiġijiet (skills) ta' kif wieħed għandu jgħin.

***Inkomplu nrawmu leaders soċjali***: Il-proċess f'dan ir-rigward li bdejna s-sena l-oħra mhux biex jissokta imma rridu insaħħuh

I***l-vuċi tagħna trid tissaħaħ fis-soċjetà.*** Waħedna bħala SAS u / jew flimkien ma' għaqdiet oħra għandna nsaħħu r-rwol tagħna li nkunu vuċi għal min m'għandux (advocacy).

***Caritas in Veritate***. Din it-tielet Enċiklika tal-Papa Benedittu XVI għandha tkun studjata sewwa minn dawk l-insara impenjati fl-għaqdiet tal-appostolat, aktar u aktar minn dawk impenjati fl-aspett soċjali u karitattiv. L-Enċiklika tittratta l-iżvilupp uman sħiħ fl-imħabba u l-verità.

***Struttura Soda***: Bħal kull għaqda oħra jkun hemm bżonn dejjem li nikkultivaw it-tajjeb li għandna imma wkoll li niġġeddu fil-ħsieb, fil-metodi u fil-mod kif inwettqu l-ħidma tagħna.

**Il-Programm dettaljat joħroġ fil-ġranet li ġejjin. Dati speċifiċi huma dawn:**

**TAĦRIĠ** organizzat flimkien mal-Fergħat adulti tal-AKM partikolarment mal-Fergħa Nisa:

Il-Ħamis, 11 ta' Frar 2010 Laqgħa Fid-9:30.
Il-Hamis, 18 ta' Frar 2010 SEMINAR mid-9:15 - 12:15

**Ġimgha ta' Sagrifiċċju 2010** fil-Ġimgha Mqaddsa bejn 26 ta' Marzu -2 ta' April 2010

**Laqgħat tal-Kunsill SAS: Kull l-aħħar TLIETA tax-xahar**

------------------

**SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA**

Nixtiequ ninfurmawkom bir-rebbieħa tal-kontribuzzjoni tal-Lotterija, organizzata mis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika, b'risq il-minibuses li jagħtu servizz kuljum lill-persuni anzjani u persuni b'diżabilità.

| | |
|---|---|
| L-Ewwel Premju | A.K Siġġiewi - Biljettt Numru 4128 |
| It-Tieni Premju | A.K. Ħamrun S.G. - Biljett Numru 4082 |
| It-Tielet Premju: | Djakonija Ħamrun Kunċizzjoni – Biljett Numru 2726 |

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

-----------------------

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

## L-Objettivi tal-Gruppi:

Niffurmaw il-Koppji biex isaħħu l-familji tagħhom ħalli jkunu xhieda għal familji oħrajn.

- Laqgħat ta' kull ġimgħa jew ġimgħatejn li jinkludu studju tal-Kelma ta' Alla u tagħlim minn fuq 'Il-Ħuġġieġa' fejn nisħqu fuq it-talb u l-appostolat skond il-motto ta' din is-sena.
- Laqgħat u ħarġiet soċjali biex insaħħu l-għaqda u solidarjetà bejn il-membri.
- Irtiri u laqgħat ta' talb flimkien ma' gruppi differenti.

-----------------

# LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA

***Trid tagħti rigal b'differenza?***
***post wieħed għandek tmur***
***fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –***
***Istitut Kattoliku - Floriana***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***

***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-Ftuħ: Lulju: Matul il-gimgha - 9:00 sa nofsinhar***
***16:00 sas-19:00***
***Awissu: Magħluqin***
***Tel: 21 237031***

***Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***



Dalwaqt terġa' tibda l-iskola u nixtiequ infakkrukom fis-servizz tal-BINDING li għandna fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika. Il-prezz huwa ta' EUR 1 kull 12 il-paġna.
Għalhekk importanti li l-membri kollha jmexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz.
Għax kif jgħidu kull qatra tgħodd!!!!

